Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 40/16/1

**Raymond Parnis**

**(appellat)**

**vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta, magħrufa bil-laqam Transport Malta**

**(appellanti)**

29 ta' Marzu 2019

1. **Din il-kawża titratta deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta li biha irrifjutat li ġġedded *"permess ta' xufier"* taħt il-L.S. 65.11.**

2. Permezz ta' ittra datata 31 ta' Mejju 2016[1], l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta infurmat lill-attur Raymond Parnis li kienet qegħda tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għal tiġdid ta' "*permess ta' xufier*" skont ir-Regolamenti Dwar Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) minħabba li:

   *"ingħatajt sentenza u cioe` fid-9 ta' Mejju 2013, għax tkun instabt ħati, matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li tista' teħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-anqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87)."*

3. Fl-20 ta' Ġunju 2016 l-attur Raymond Parnis ippreżenta rikors fit-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva u talbu jirrevoka tali deċiżjoni.

4. Fit-30 ta' Jannar 2017 it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur.

5. Fl-20 ta' Frar, 2017 l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta appellat quddiem din il-

[1] Dok A, fol 48-49.

Qorti u talbitha tħassar is-sentenza tat-Tribunal, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talba tal-attur appellat. Bl-ispejjeż kontra l-istess attur appellat.

6. **<u>L-aggravju</u>** tagħha jikkonsisti fil-fatt li t-Tribunal applika Leġislazzjoni Sussidjarja li ma kienx appella minnha l-attur (**L.S.499.56**) u skarta dak li tipprovdi l-Leġislazzjoni Sussidjarja li appella minnha l-attur (**L.S.65.11**). Targumenta li l-permessi regolati taħt L.S.499.56 huma differenti minn dawk regolati taħt il-L.S.65.11 u tenfasizza li l-L.S.499.56 ma tirregolax permessi tat-tip li applika għalih l-attur.

7. Fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 saret it-trattazzjoni.

**<u>Is-sentenza tal-Awtorita` u l-L.S.65.11</u>**

8. L-ittra tal-31 ta' Mejju 2016 li permezz tagħha l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta li ġġedded il-"*permess ta' xufier*" lill-attur hija intestata hekk:

"*Deċiżjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f' Malta*

*"Referenza tal-każ: Applikazzjoni għal tiġdid ta' permess ta' xufier taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11*".

9. Fiż-żmien li l-attur issottometta l-applikazzjoni tiegħu, ir-<u>Regolament 130A</u> tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11** (**Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur)** kien jipprovdi hekk (enfażi ta' din il-qorti):

*(1) Ebda persuna m'għandha ssuq vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il-persuna ma jkolliex tag ta' identifikazzjoni maħruġa lilha mill-Awtorita`.*

*(2) Xufier li jkun irid jikseb tag ta' identifikazzjoni taħt dan ir-regolament għandu jagħmel applikazzjoni għand l-Awtorita` billi jimla l-formola preskritta.*

*(3) L-imsemmija tag tinħareġ biss mill-Awtorita` lil dak ix-xufier li –*

*(a) ikollu liċenzja tas-sewqan adatta,*

***(b) fil-fehma tal-Awtorita` jkollu kondotta tajba,***

*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorita` u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors.*

*(4) Sakemm ma jiġux ordnati kondizzjonijiet li jinvolvu obbligi aktar onerużi permezz ta' regolamenti oħra, għall-fini ta' dan ir-regolament, persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:*

(a) ***tkun instabet ħatja, matul l-aħħar ħames snin ta' reat li tista' teħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87),***

(b) *tkun instabet ħatja, matul l-aħħar sentejn, ta' reati li jkollhom x' jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali.*

*L-applikanti għal tag ta' identifikazzjoni għandhom, għalhekk, jippreżentaw lill-Awtorita` ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija.*

*(5) L-Awtorita` tista' tirtira tag ta' identifikazzjoni jekk id-detentur ma jibqax jissodisfa aktar ir-rekwiżit ta' kondotta tajba.*

*(6) L-Awtorita` tista' tissospendi tag ta' identifikazzjoni sakemm tingħata sentenza finali mill-Qorti fejn id-detentur jiġi akkużat b'reat kriminali li jista' jeħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).*

*(7) Ix-xufier ta' vettura bil-mutur għall-kiri għandu, waqt li jkun fuq ix-xogħol, jilbes it-tag f' post li tidher sew fuq is-sider.*

*(8) Ebda xufier ma jista' juża taġ ħlief dik lilu mogħtija mill-Awtorita` u dik it-tag ma tistax tingħadda minn xufier għall-ieħor.*

*(9) Xufier ta' vettura bil-mutur għall-kiri għandu jilbes, waqt li jkun fuq ix-xogħol, l-uniformi li jkollha disinn u kulur li jiġu approvati mill-Awtorita`."*

10. L-Awtorita` għat-Trasport f' Malta qieset li permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2013 l-attur effettivament instab ħati ta' reat li dwaru seta' weħel piena ta' 3 xhur jew aktar priġunerija jew multa ta' mill-anqas €465.87. Abbażi tal-fatt li instab ħati ta' tali reat irrifjutat l-applikazzjoni tal-attur għal-"*tiġdid ta' permess ta' xufier taħt il-**L.S. 65.11**".*

**Id-deċiżjoni tat-Tribunal u l-L.S. 65.11, il-L.S. 499.56 u l-Kap 446**

11. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva beda billi iddikjara li biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur għall-kiri irid ikollu kemm:

(a) **permess ta' xufier** *ai termini* tar-Regolament 17[2] tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri **(L.S. 499.56):**

2 Taħt Parti III (Permess tax-Xufier).

"17. *Ħadd ma jista' jaġixxi bħala xufier sakemm ma jkollux permess validu ta' xufier maħruġ skont dawn ir-regolamenti………"*

kif ukoll

(b) **<u>tikketta (tag) ta' xufier</u>** *ai termini* tar-Regolament 130A[3] tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur **(L.S.65.11).**

*"130A (1). Ebda persuna m'għandha ssuq vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il-persuna ma jkollhiex tag ta' identifikazzjoni maħruġa lilha mill-Awtorita`.*

12. Spjega li biex persuna tingħata **<u>permess ta' xufier</u>** trid tissodisfa r-rekwiżit ta' "*reputazzjoni u kondotta tajba*" abbażi tar-Regolament 18 tal-**L.S. 499.56**. Spjega li taħt il-**L.S. 499.56** "*reputazzjoni u kondotta tajba*" kienu definiti hekk f' <u>Regolament 9(1)</u> (ħlief il-paragrafu (ġ) tiegħu) u <u>f'Regolament 9(2)</u>:

*(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*

*(c) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) sena fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda li ma jkunux aktar minn sena;*

*(ii) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena iżda li tkun inqas minn għaxar snin; u*

*(iii) għaxar snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' għaxar snin jew aktar;*

*(d) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara ż-żmien li tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun ingħatat fir-rigward ta' dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*

*(i) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ġiet ikkundannata piena ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin; u*

[3] Taħt Taqsima VII (Vetturi bil-Mutur għall-kiri u mini buses).

*(ii) ħames snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar;*

*(e) għal perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bħal dik m'għandhiex tibda sseħħ skont l-artikolu 28A tal- 5 Kodiċi Kriminali, liema perjodu għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tkun ingħatat is-sentenza;*

*(f) għal perjodu ta' sena minn meta tkun ġiet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw għal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew għal reat jew reati skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skont kull regolament li jsir taħthom;*

*(g) …*

*(h) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:*

*Iżda meta l-Qorti tordna li sentenza sospiża tidħol fis-seħħ, il-perjodu li dwaru l-Awtorità għandha tirrifjuta li toħroġ il-liċenza skont il-paragrafu relevanti ta' dan is-subregolament wara li tkun ingħatat dik l-ordni, għandu jiġi mnaqqas bil-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu l-persuna tkun diġà ġiet miċħuda lilha l-liċenzja mill-Awtorità għall-istess reat skont il-paragrafu (e):*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) m'għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-**frażi "sentenza" m'għandiex tinkludi**:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew **ordni għal-liberazzjoni** assoluta jew **taħt kundizzjoni** mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(c) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell;*

*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –*

*(i) **twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009**;*

*(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009; u*

*(iii) ingħatat mill-anqas ħames snin qabel id-data li fiha tkun saret applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier u tal-permess ta' xufier.*

13. Irritjena li l-ebda wieħed mill-paragrafi ta' Regolament 9(1) ma japplikax għall-każ tal-attur, u li fi kwalunkwe każ, skont ir-Regolament 9(2) *"sentenza"* ma tinkludix ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata, u lanqas sentenza dwar reat li twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009 (u skont is-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013, ir-reati twettqu fit-2 ta' Novembru 2008).

14. **Għalhekk ikkonkluda li JEKK wieħed kellu jieħu s-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-perspettiva tal-L.S. 499.56 (u senjatament tar-Regolament 9(1) u (2)) ma jistax jitqies li l-attur ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' "*reputazzjoni u kondotta*" tajba taħt tali regolamenti.**

15. Għal dak li jirrigwarda t-**tag ta' xufier**, it-Tribunal osserva illi bid-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2016, l-Awtorita` ma ġeddidtx tali **tag** tal-attur għaliex qieset li ma ssodisfax ir-rekwiżit ta' *"kondotta tajba"* abbażi tar-Regolament 130A(3) u (4) tal-**L.S. 65.11** (cioe` instab ħati ta' reat li dwaru seta' weħel piena ta' 3 xhur jew aktar priġunerija jew multa ta' mill-anqas €465.87).

16. Għalkemm l-attur effettivament ġie liberat kondizzjonalment, ir-Regolament 130A tal-**L.S. 65.11** (eżistenti fiż-żmien li l-attur applika għat-tiġdid tat-*tag*) ma kienx jipprovdi li f' tali każ m'għandux jitqies bħala "ħati".

17. It-Tribunal pero` spjega illi kellu l-okkażjoni jinvesti l-kwistjoni jekk sanzjoni komunitarja jew liberta` kondizzjonata jitqisux bħala "ħtija" meta xi Awtorita` governattiva tiġi biex tevalwa applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta' xi liċenzja; u irrileva "bla tlaqliq" li sanzjoni komunitarja jew liberta` kondizzjonata effettivament ma jistgħux jitqiesu bħala dikjarazzjoni ta' "ħtija" in linea ma dak li jipprovdi l-**Kap 446 (Att Dwar il-Probation)** u senjatament l-Artikolu 25:

*(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, **dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att** li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew **li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun**, ...*

*(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, **id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati** li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew **li jigi liberat** ghal kollox jew **kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi għandha f'kull każ tiġi mwarrba għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija.***

(3) ….

18. **Għalhekk ikkonkluda li <u>JEKK</u> wieħed kellu jieħu s-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali <u>fil-perspettiva tal-L.S. 65.11</u> (u senjatament tar-Regolament 130A(4)) jiġi li d-dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' skwalifika għandha tiġi mwarrba ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap 446.**

**<u>Motivazzjoni ta' din il-qorti:</u>**

19. L-argument tal-appellanti hu li ġialadarba d-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Mejju 2016 tirrigwarda "*applikazzjoni għal tiġdid ta' permess ta' xufier taħt il-**L.S. 65.11***", <u>mela allura l-appell tal-attur huwa limitat għal-**L.S. 65.11**</u>, skont liema liġi biex persuna titqies li hija ta' "*kondotta tajba*" ma tridx tkun fl-aħħar ħames snin instabet "ħatja" ta' reat li tiegħu tista' teħel priġunerija ta' 3 snin jew aktar jew multa ta' €465.87 jew aktar. Tenfasizza li l-appell tal-attur mid-deċiżjoni tagħha kien jirrigwarda l-**L.S. 65.11** u ma kienx jirrigwarda l-**L.S. 499.56**. Taċċenna għall-fatt li l-**L.S. 65.11** (kuntrarjament għal-**L.S. 499.56**) ma tgħidx li fejn tingħata liberta` kondizzjonata m'għandux jitqies li hemm sentenza ta' ħtija għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kondotta tal-persuna.

20. Din il-qorti qabel xejn qegħda tifhem **(<u>kuntrarjament għal dak li fehem it-Tribunal</u>)** li hemm distinzjoni bejn:

(i) **<u>Permess ta' xufier:</u>**

- li jinħareġ skont ir-<u>Regolamenti 18</u> tal-**L.S. 499.56** u cioe` meta l-Awtorita` tkun sodisfatta li huwa:

(a) *liċenżjat kif imiss skont ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan; u*

(b) *għandu ċertifikat ta' kompetenza professjonali skont ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan sakemm ma jkunx eżentat minn dak ir-rekwiżit skont l-istess Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan); u*

(c) *għandu reputazzjoni u kondotta tajba.*

- u li skont ir-<u>Regolament 22</u> tal-istess L.S. 499.56, meta jinħareġ tali permess, l-Awtorita` hija marbuta li tagħti **(awtomatikament)** lill-applikant it-*tag* relattiva:

*22. (1) L-Awtorita` għandha, meta tagħti permess lix-xufier skont dawn ir-regolamenti, tagħti lill-applikant li jgħaddi, tag ta' xufier li turi li dik il-persuna ngħatat permess ta' xufier.*

*(2) Il-permess tax-xufier u t-tikketta ta' xufier għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha jingħata l-permess ta' xufier jew perjodu ieħor iqsar, speċifikat fuqhom mill-Awtorita`, sakemm ma jkunux revokati jew sospiżi, u m'humiex trasferibbli.*

(ii) **<u>Tag ta' xufier:</u>**

- li tinħareġ skont ir-Regolament 130A **tal-L.S. 65.11** (vide il-verżjoni suċitata ta' dan ir-Regolament kif kien fiż-żmien li applika l-attur), li jippreskrivi:

- li persuna li tkun trid takkwista tali *tag* ta' xufier sabiex issuq vetturi bil-mutur għall-kiri għandha **tapplika speċifikatament għal tali *tag* billi timla l-formola preskritta**, u li

- t-*tag* tinħareġ mill-Awtorita` biss jekk l-applikant:

(a) *ikollu liċenzja tas-sewqan adatta,*

(b) *fil-fehma tal-Awtorita` jkollu kondotta tajba, u*

(c) *jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorita` u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors.*

21. Kif wieħed jista' jara, il-proċedura relattiva għall-applikazzjoni għall-<u>ħruġ ta' permess ta' xufier</u> hija differenti mill-proċedura għall-applikazzjoni għall-<u>ħruġ ta' tag ta' xufier</u>; u filwaqt li t-<u>tag relattiva għall-permess ta' xufier taħt il-L.S.</u>

499.56 tinħareġ awtomatikament mal-ħruġ tal-permess ta' xufier, it-tag ta' xufier taħt il-L.S. 65.11 tinħareġ wara applikazzjoni għaliha.

22. Fil-fatt għalkemm l-ittra tal-Awtorita` tal-31 ta' Mejju 2016 hija intestata "***applikazzjoni għal tiġdid ta' permess ta' xufier taħt il-L.S. 65.11***" kienet tkun iżjed preċiża kieku kienet intestata "***applikazzjoni għal tiġdid ta' tag ta' xufier taħt il-L.S. 65.11***". Tant hu hekk li Sylvana Bartolo, xhud prodotta mill-Awtorita`, fix-xiehda tagħha tas-16 ta' Diċembru 2016 quddiem il-Bord ippreċiżat li r-rifjut kien tat-*tag* : ***"Aħna li ma tajniex kienet it-tag ta' xufier tal-vetturi ż-żgħar, dik li taqa' taħt subsidiary legislation 65.11"***

23. L-Awtorita` irrifjutat l-applikazzjoni tal-attur (għat-tiġdid tat-tag ta' xufier) minħabba li bis-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 tal-Qorti tal-Maġistrati ġie li huwa instab ħati "*matul l-aħħar ħames snin ta' reat li tista' teħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87)*" , cioe` skont ir-Regolamenti 130A(3)(b) u 130A(4)(a) tal-**L.S. 65.11** (ara supra).

24. **Kien għalkekk żbaljat it-Tribunal** in kwantu kkonkluda li JEKK is-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 tittieħed fil-perspettiva tar-Regolament 9 tal-**L.S. 499.56** (u senjatament tar-Regolament 9(1) u (2)) ma jistax jitqies li l-attur ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' "*reputazzjoni u kondotta*" tajba taħt dawk ir-regolamenti. Pero' l-applikazzjoni tal-attur ma kinitx għall-permess ta' xufier *ai termini* tal-L.S. 499.56.

25. **Kien pero` korrett it-Tribunal** in kwantu ikkonkluda li JEKK is-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 tittieħed fil-perspettiva tar-Regolament 130A(4) tal-**L.S. 65.11** jiġi li d-dikjarazzjoni ta' ħtija għandha tiġi mwarrba għall-finijiet ta' skwalifika, u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 25(2) tal-**Kap 446**. Fis-sentenza tad-9 ta' Mejju, 2013 il-qorti ddeċidiet hekk, "*... tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reati oħra għal żmien sentejn (2) mil-lum .....*".

Fil-fatt fic-certfikat tal-kondotta mahrug fil-15 ta' Gunju, 2016 l-attur ġie ċertifikat li hu persuna ta' '*kondotta tajba'*.

26. Din il-qorti tosserva li llum il-ġurnata ir-Regolament 130A tal-L.S. 65.11 ġie emendat, u ġie miżjud ir-Regolament 130B[4] li permezz tiegħu il-kriterji ta' x' jikkwalifika bħala "*reputazzjoni u kondotta tajba"* taħt il-**L.S. 65.11** għall-finijiet ta' ħruġ ta' *tag* ta' xufier (kif elenkati fir-Regolament 62D) ġew aktar in linea mal-kriterji ta' x'jikkwalifika bħala "*reputazzjoni u kondotta tajba*" taħt ir-Regolament 9(1) u (2) tal-**L.S. 499.56** għall-finijiet ta' ħruġ ta' permess ta' xufier. Fil-fatt ir-reati li tagħhom ġie misjub ħati l-attur bis-sentenza tad-9 ta' Mejju 2013 mhux biss ma jissemmewx fil-lista ta' reati elenkati fir-Regolament 62D, talli l-istess Regolament 62D jippreċiża illi l-frażi "sentenza" ma tinkludix ordni ta' liberta` taħt kundizzjoni.)

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Awtorita` appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal limitatament in kwantu iddikjara li l-iskwalifika *ai termini* tar-Regolament 130(4) tal-L.S. 65.11 (kif kien fiż-żmien li l-attur applika għat-tiġdid tat-*tag* ta' xufier) għandha tiġi mwarrba *ai termini* tal-Artikolu 25(2) tal-Kap 446.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess Awtorita`.**

Anthony Ellul.

[4] **Regolament 130B:**
"*Ir-Regolament 62D għandu japplika sabiex jiġi determinat jekk persuna li tapplika għal tag ta' xufier għandhiex reputazzjoni u kondotta tajba"*.